



Brussell, id-29 ta' Ġunju 2020  
REV1 – tissostitwixxi l-avviż  
bid-data tat-12 ta' Marzu 2018

## AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

### IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAL-KOMUNIKAZZJONI ELETTRONIKA, INKLUŻ IR-ROAMING

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"<sup>1</sup>. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ<sup>2</sup> jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020<sup>3</sup>. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih<sup>4</sup>.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit se jinneogzjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprevedi b'mod partikolari żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim johlq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq se tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,<sup>5</sup> fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Barra minn hekk, malli jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit se jkun pajjiż terz fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE fl-Istati Membri tal-UE.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali malli jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni.

---

<sup>1</sup> Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

<sup>2</sup> Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

<sup>3</sup> Il-perjodu ta' tranżizzjoni jista', qabel l-1 ta' Lulju 2020, jiġi estiż darba b'sena jew sentejn (l-Artikolu 132(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ). Il-Gvern tar-Renju Unit s'issa eskluda tali estensjoni.

<sup>4</sup> Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

<sup>5</sup> B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprevedix kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

### **Avviż lill-partijiet ikkonċernati:**

Il-partijiet ikkonċernati, fornituri ta' networks u/jew servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, huma b'mod partikolari rrakkomandati li jivvalutaw il-konsegwenzi ta' tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni fid-dawl ta' dan l-avviż.

Il-fornituri u l-klijenti ta' servizzi tal-komunikazzjoni elettronika jingħataw parir biex jippreparaw għal meta jintemmu d-dispożizzjonijiet ta' "roam-like-at-home" bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit kif ukoll għal meta jintemm il-limitu massimu ta' komunikazzjonijiet intra-UE regolati.

### **Innota li:**

Dan l-avviż ma jindirizzax ir-regoli tal-UE dwar

- is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni;
- il-kummerċ elettroniku u n-newtralità tal-internet;
- dwar l-imblukkar ġeografiku;
- il-protezzjoni tad-*data* personali; u
- t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) għall-provvista ta' servizzi.

Għal dawn l-aspetti, qegħdin jitħejjew jew ġew ippubblikati avviżi oħrajn<sup>6</sup>.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi mhux se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit.

Dan il-qafas regolatorju se jinkludi<sup>7</sup>:

- id-Direttiva (UE) 2018/1972, li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi;<sup>8</sup>

<sup>6</sup> [https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period\\_mt](https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period_mt)

<sup>7</sup> Innota li din il-lista hija indikattiva tad-dispożizzjonijiet koperti primarjament minn dan l-Avviż. Hija maħsuba għal skopijiet ta' informazzjoni biss u għalhekk la hija eżawrjenti u lanqas vinkolanti.

<sup>8</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36.

Din id-Direttiva tħassar, b'effett mill-21 ta' Diċembru 2020, l-erba' direttivi li ġejjin: Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru), ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33; id-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni), ĠU L 108, 24.4.2002, p. 21; id-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 (Direttiva tal-Aċċess), ĠU L 108, 24.4.2002, p. 7; u d-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 (Direttiva Servizz Universali), L 108, 24.4.2002, p. 51.

- id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika (id-Direttiva 2002/58/KE)<sup>9</sup>;
- id-Deċiżjoni dwar l-Ispettru tar-Radju (Deċiżjoni Nru 676/2002/KE)<sup>10</sup>;
- ir-Regolament (UE) 2018/1971, li jstabilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi ("BEREC") u l-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC ("l-Uffiċċju BEREC")<sup>11</sup>,
- ir-Regolament (UE) Nru 531/2012, dwar roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni<sup>12</sup>;
- ir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jstabilixxi miżuri dwar aċċess għal Internet miftuħ u tariffi bl-imnut għal komunikazzjonijiet intra-UE regolati<sup>13</sup>;
- id-Direttiva 2014/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja<sup>14</sup>;
- kif ukoll għadd ta' Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet relatati, inkluż:
  - Rakkomandazzjoni dwar swieq rilevanti (dwar l-identifikazzjoni ta' swieq li huma suxxettibbli għal intervent regolatorju)<sup>15</sup> u

<sup>9</sup> Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika), ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.

<sup>10</sup> Id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Ispettri tar-Radju), ĠU L 108, 24.4.2002, p. 1.

<sup>11</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li jstabilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Aġenzija għall-Appoġġ għal BEREC (Uffiċċju BEREC), li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009 (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 1.

<sup>12</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni, ĠU L 172, 30.6.2012, p. 10.

<sup>13</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jstabilixxi miżuri dwar aċċess għal Internet miftuħ u tariffi bl-imnut għal komunikazzjonijiet intra-UE regolati u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE u r-Regolament (UE) Nru 531/2012, ĠU L 310, 26.11.2015, p.1.

<sup>14</sup> Id-Direttiva 2014/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, ĠU L 155, 23.5.2014, p. 1.

<sup>15</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2014/710/UE tad-9 ta' Ottubru 2014 dwar swieq rilevanti ta' prodotti u servizzi fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi li huma suxxettibbli għal regolamentazzjoni *ex ante* f'konformità mad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-

- rakkomandazzjoni dwar obbligi mhux diskriminatorji konsistenti u metodoloġiji tal-ikkostjar<sup>16</sup>.

Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni:

## **1. AWTORIZZAZZJONI ĠENERALI**

Il-fornituri stabbiliti f'mill-inqas Stat Membru wieħed tal-UE jgawdu mil-libertà li jipprovdu networks u servizzi tal-komunikazzjoni elettronika fl-Istati Membri l-oħra kollha mingħajr ma jiġu obbligati li jkunu stabbiliti hemmhekk. Fuq il-bażi tar-regoli tal-UE, dawn il-fornituri jistgħu jibdew jipprovdu networks u servizzi tal-komunikazzjoni elettronika mingħajr il-bżonn li jiksbu deċiżjoni espliċita minn awtorità u huma soġġetti biss għar-reġim tal-“awtorizzazzjoni ġenerali” f'kull Stat Membru fejn jipprovdu networks jew servizzi. L-awtorizzazzjoni ġenerali tinkludi d-drittijiet u l-obbligi marbuta mal-provvista ta' networks u servizzi tal-komunikazzjoni elettronika u l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-fornituri biss li jippreżentaw notifika, mingħajr l-obbligu ta' sospensjoni (l-Artikolu 12 tad-Direttiva (UE) 2018/1972).

Wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni, fornituri ta' networks u/jew servizzi tal-komunikazzjoni elettronika stabbiliti fir-Renju Unit u mhux fl-Unjoni Ewropea mhux se jibqgħu jibbenefikaw mil-libertà li jipprovdu networks u servizzi tal-komunikazzjoni elettronika u konsegwentement mir-reġim tal-awtorizzazzjoni ġenerali fi ħdan l-Istati Membri tal-UE. Għalhekk, dawk il-fornituri se jkunu jeħtieġu li jkunu stabbiliti fl-Unjoni Ewropea sabiex jibbenefikaw mir-reġim tal-awtorizzazzjoni ġenerali fi ħdan l-Istati Membri tal-UE.

## **2. RATI GĦAT-TERMINAZZJONI TA' TELEFONATI FISSI U BIL-MOBILE**

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, għat-telefonati bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit mhux se jibqa' japplika għall-fornituri ta' servizzi l-qafas regolatorju tal-UE li jippermetti li jiġu stabbiliti rati baxxi ta' terminazzjoni bl-ingrossa orjentati lejn il-kostijiet għat-telefonati bil-vuċi<sup>17</sup>. Ir-regolatur tal-UE se jkun liberu li jistabblixi rati li għandhom jiġu applikati minn fornituri ta' terminazzjoni fuq network fiss u mobbli fir-Renju Unit, u jista' jiddeċiedi li ma jirregolax ir-rati ta' terminazzjoni bl-ingrossa.

---

Kunsill dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Rakkomandazzjoni dwar Swieq Rilevanti), ĠU L 295, 11.10.2014, p. 79.

<sup>16</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Settembru 2013 dwar obbligi mhux diskriminatorji konsistenti u metodoloġiji tal-ikkostjar li jippromwovu l-kompetizzjoni u jtejbu l-ambjent tal-investment fil-broadband, ĠU L 251, 21.9.2013, p. 13.

<sup>17</sup> Ir-rati ta' terminazzjoni bl-ingrossa huma t-tariffi mħallsa bejn l-operaturi biex jittrażmettu t-telefonati lill-konsumaturi tagħhom.

### 3. TARIFFI BL-IMNUT GĦAL KOMUNIKAZZJONIJIET INTRA-UE REGOLATI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-prezz għall-konsumatur impost fuq il-konsumaturi għal komunikazzjonijiet intra-UE regolati<sup>18</sup>, li għandu limitu massimu ta' EUR 0,19 għal kull minuta għal sejħiet u EUR 0,06 għal kull komunikazzjoni ta' messaġġi SMS, mhux se jibqgħu japplika għall-konsumaturi tal-UE u tar-Renju Unit fir-rigward ta' sejħiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit u viċi versa. Dan jista' jwassal għal żidiet fil-prezz bl-imnut imposti fuq il-konsumaturi għal sejħiet mill-Unjoni Ewropea lejn ir-Renju Unit (u viċi versa).

### 4. IR-ROAMING

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit isir pajjiż terz għall-finijiet tar-regoli tal-UE dwar ir-roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni Ewropea (ir-Regolament (UE) 531/2012).

Il-fornituri ta' servizzi tar-roaming għal konsumaturi tar-roaming (minn issa 'l quddiem "fornituri tar-roaming") li joperaw fl-Unjoni Ewropea:

- mhux se jibqgħu jibbenefikaw, meta jitolbu aċċess għar-roaming bl-ingrossa, mill-obbligu tal-operaturi ta' networks mobbli li joperaw fir-Renju Unit li jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha biex jipprovdu aċċess għal roaming bl-ingrossa (l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 531/2012);
- mhux se jibqgħu jibbenefikaw mir-regoli tal-UE dwar tariffi massimi għal roaming bl-ingrossa li operaturi tan-networks miżjura li joperaw fir-Renju Unit jistgħu jitolbu biex jipprovdu servizzi ta' roaming bl-ingrossa fl-Unjoni Ewropea (l-Artikoli 7, 9, 12 tar-Regolament (UE) 531/2012).

Konsumaturi tar-roaming ta' fornituri tar-roaming li joperaw fir-Renju Unit:

- mhux se jibqgħu jibbenefikaw mill-obbligu tal-fornitur tar-roaming tagħhom li ma jimponilhom ebda ħlas supplimentari addizzjonali mal-prezz bl-imnut domestiku fuqhom għall-użu fir-Renju Unit ta' servizzi tar-roaming (telefonati magħmula jew riċevuti, messaġġi SMS mibgħuta u servizzi ta' *data*), soġġett għal użu ġust (l-Artikoli 6a u 6b tar-Regolament (UE) 531/2012, kif ukoll ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2286<sup>19</sup>); iżda
- se jkomplu jibbenefikaw minn obbligi tat-trasparenza stabbiliti fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 531/2012 (vuċi u SMS) u l-Artikolu 15 tar-

<sup>18</sup> Skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) 2015/2120, "komunikazzjonijiet intra-UE regolati" tfisser kwalunkwe servizz tal-komunikazzjonijiet interpersonali bbażati fuq in-numri li joriġinaw fl-Istat Membru tal-fornitur domestiku tal-konsumatur u jterminaw f'kwalunkwe numru fiss jew mobbli tal-pjan ta' numerazzjoni tat-telefon nazzjonali ta' Stat Membru ieħor, u li l-ħlas li jintalab ikun ibbażat b'mod intier jew parzjali fuq il-konsum attwali.

<sup>19</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2286 tal-15 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni ta' politika tal-użu ġust u dwar il-metodoloġija għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tat-tneħħija tal-ħlasijiet supplimentari tar-roaming bl-imnut u dwar l-applikazzjoni li għandu jressaq furnitur tar-roaming għall-finijiet ta' dik il-valutazzjoni, ĠU L 344, 17.12.2016, p. 46.

Regolament (UE) 531/2012 (servizzi ta' data) meta jivvjaġġaw lejn ir-Renju Unit.

Il-fornituri tar-roaming li joperaw fir-Renju Unit:

- mhux se jibqgħu jibbenefikaw, meta jitolbu aċċess għar-roaming bl-ingrossa, mill-obbligu tal-operaturi ta' networks mobbli li joperaw fl-Unjoni Ewropea li jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha biex jipprovdu aċċess għal roaming bl-ingrossa (l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 531/2012);
- mhux se jibqgħu jibbenefikaw mir-regoli tal-UE dwar tariffi tar-roaming bl-ingrossa li operaturi tan-networks miżjura li joperaw fl-Unjoni Ewropea jistgħu jitolbu biex jipprovdu servizzi tar-roaming bl-ingrossa fl-Unjoni Ewropea (l-Artikoli 7, 9, 12 tar-Regolament (UE) 531/2012).

Konsumaturi tar-roaming ta' fornituri tar-roaming li joperaw fir-Renju Unit:

- mhux se jibqgħu jibbenefikaw mir-regoli tal-UE dwar l-obbligu tal-fornitur tar-roaming tagħhom li ma jimponilhom ebda ħlas supplimentari addizzjonali mal-prezz bl-imnut domestiku fuqhom għall-użu korrett ta' servizzi tar-roaming fl-UE (telefonati magħmula jew riċevuti, messaġġi SMS mibgħuta u servizzi ta' data) (l-Artikolu 6a u 6b tar-Regolament (UE) 531/2012); u
- mhux se jibqgħu jibbenefikaw mir-regoli tal-UE dwar l-obbligi tat-trasparenza stabbiliti fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 531/2012 (telefonati u SMS) u l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 531/2012 (servizzi ta' data) meta jivvjaġġaw fl-Unjoni Ewropea.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar is-Suq Uniku Diġitali jipprovdi informazzjoni ġenerali rigward il-leġislazzjoni tal-Unjoni applikabbli għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (<https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/telecoms>) u roaming (<https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/roaming>). Dawn il-paġni jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija